Fit-Tribunal tal-Konsumatur

SENTENZA PRELIMINARI

Dario Azzopardi

vs

Ragusa Express Limited

CCT 96/26/MM

Illum, 24 ta' Ottubru 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tat-talba ppreżentat minn Dario Azzopardi kontra Ragusa Express Limited li permezz tagħha qiegħad jitlob is-somma komplessiva ta' għaxart elef ewro (€10,000), maqsuma f'żewġ pretensjonijiet distinti: ħamest elef ewro (€5,000) minħabba trattament allegatament diskriminatorju relatat ma' diżabilità u ħamest elef ewro (€5,000) minħabba allegat ipproċessar illeċitu ta' data personali;

Ra r-risposta tas-soċjetà intimata;

Ra d-dokumenti kolha li jinsabu fl-atti inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li s-soċjeta intimata eċċepiet eċċezjoni preleminari.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent qiegħad jitlob is-somma komplessiva ta' għaxart elef ewro (€10,000), maqsuma f'żewġ pretensjonijiet distinti: ħamest elef ewro (€5,000) minħabba trattament allegatament

diskriminatorju relatat ma' diżabilità u mal-eżekuzzjoni tas-servizz ta' trasport bil-baħar; u ħamest elef ewro (€5,000) minħabba allegat ipproċessar illeċitu ta' data personali u danni konsegwenzjali taħt ir-Regolament (UE) 2016/679 (il-"**GDPR**");

Illi s-soċjeta' intimata teċċepixxi, fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* dwar l-allegata diskriminazzjoni, b'riferiment għall-artikolu 33E tal-Kapitolu 413; u, fit-tieni lok, li mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talba dwar il-GDPR, billi l-ipproċessar allegatament dannuż kien imwettaq minn awtoritajiet Taljani;

Illi din hija sentenza preleminari dwar dawn il-kwistjonijiet preliminari.

Il-limiti tal-kompetenza tat-Tribunal

Illi l-artikolu 20(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti lit-Tribunal kompetenza dwar talbiet ta' konsumaturi kontra kummerċjanti sa għaxart elef ewro, meta t-talba tkun relatata, direttament jew indirettament, max-xiri jew kiri ta' oġġetti jew mal-provvista ta' servizzi. Din il-formulazzjoni hi wiesgħa, iżda ma tagħtix ġurisdizzjoni universali dwar kull dritt li jista' jinqala' waqt relazzjoni ta' konsum. Il-kompetenza tal-forum għandha tiġi eżaminata skont in-natura ġuridika reali tat-talba u r-rimedju speċifiku mitlub, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet speċjali li jirregolawh.

Illi fis-sentenza **Darren Cordina u n-Nutar Dottor Melvin Polidano vs Automated Revenue Management Services Limited**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu 2025 (Appell Ċivili nru 1021/17/1), il-Qorti fakkret li l-kompetenza *ratione materiae* hija kwistjoni ta' ordni pubbliku li tista' titqajjem ukoll mill-ġudikant minn rajh u li d-determinazzjoni tagħha teħtieġ, qabelxejn, identifikazzjoni tan-natura tal-azzjoni. Dak il-prinċipju japplika bl-istess qawwa quddiem tribunal li għandu biss is-setgħat mogħtija lilu mil-liġi.

Għalkemm l-artikolu 21 tal-Kap. 378 jippermetti lit-Tribunal jiddeċiedi skont il-mertu sostantiv, il-ġustizzja u l-ekwità, dik id-diskrezzjoni ma tistax twessa' kompetenza li l-liġi tkun

allokat lil korp jew qorti oħra. Lanqas il-limitu monetarju waħdu ma jista' jsolvi din il-kwistjoni.

L-ewwel pretensjoni: diskriminazzjoni minħabba diżabilità

Illi r-rikorrent jorbot din il-pretensjoni mad-dritt tiegħu li jivvjaġġa b'mod aċċessibbli u mingħajr diskriminazzjoni, mal-kundizzjonijiet ta' promozzjoni għal detenturi tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità, mal-intervent tal-ekwipaġġ fiż-żona tal-iżbark u ma' allegat nuqqas ta' assistenza xierqa. Huwa jinvoka l-Kap. 413 u d-drittijiet tal-passiġġieri stabbiliti bir-Regolament (UE) nru 1177/2010. Is-soċjeta' intimata tgħid li l-istruzzjonijiet mogħtija kienu japplikaw għal kulħadd għal raġunijiet ta' sigurtà u li ma kienx hemm l-ebda diskriminazzjoni.

Illi l-eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata teħtieġ preċiżjoni. L-artikolu 33E(1) tal-Kap. 413 ma jgħidx li kull pretensjoni dwar diżabilità, ikun xi jkun l-ammont, taqa' b'mod awtomatiku taħt il-kompetenza esklużiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Fir-rigward ta' persuna li tista' tirrikorri għall-mekkaniżmu tal-Panel, id-dispożizzjoni tirreferi espressament għal rimedju ta' natura pekunjarja li jeċċedi l-ħamest elef ewro (€5,000). Għalhekk talba għal eżattament €5,000 ma tistax titqies, sempliċement minħabba l-valur tagħha, bħala talba li teċċedi dak il-limitu.

Il-Kap. 413, madankollu, jipprovdi mekkaniżmu ieħor speċifiku u ċioe' l-artikolu 33B(2) jikkonferixxi lill-UNCRPD Redress Panel kompetenza esklużiva, salv l-eċċezzjoni espressa dwar diskriminazzjoni multipla jew intersezzjonali, dwar kwistjonijiet li jinvolvu drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni. L-artikoli 33B(4), 33C u 33E għandhom jinqraw flimkien. F'dan il-każ l-ewwel €5,000 huma mitluba bħala kumpens għal ksur allegat ta' drittijiet marbuta mad-diżabilità; għaldaqstant il-kwistjoni, kif formulata, ma tistax tiġi deċiża minn dan it-Tribunal taħt il-ġurisdizzjoni ġenerali tiegħu dwar il-konsumaturi.

Il-fatt li l-kwistjoni seħħet waqt servizz ta' trasport ma jippermettix li azzjoni speċjali għal diskriminazzjoni taħt il-Kap. 413 tinbidel, mingħajr emenda fit-talbiet, f'talba ordinarja għal rifużjoni ta' biljett jew għal kumpens kontrattwali.

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni hija fondata sa fejn issostni li dan it-Tribunal mhuwiex il-forum kompetenti biex jiddeċiedi l-ewwel pretensjoni hekk kif imressqa.

It-tieni pretensjoni: talba għal danni taħt il-GDPR

It-tieni pretensjoni hija talba awtonoma għal kumpens allegatament dovut minħabba ipproċessar ta' data personali, invokando l-artikolu 82 tal-GDPR. Ir-rikorrent jgħid li l-kwistjoni abbord il-bastiment tas-soċjeta' intimata wasslet għal intervent tal-Guardia di Finanza u r-reġistrazzjoni ta' data personali. Is-soċjeta' ntimata tiċħad li kienet responsabbli għall-kontroll jew għar-reġistrazzjoni fis-sistemi Taljani.

Illi t-Tribunal josserva li għandha ssir distinzjoni bejn il-kompetenza tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data sabiex jinvestiga allegat ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, u l-ġurisdizzjoni ġudizzjarja dwar talbiet għal kumpens għad-danni taħt l-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/679. F'dan l-aħħar rigward, l-Artikolu 30(2) u (3) tal-Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi espressament għal azzjoni permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li għandha tiddetermina, fejn tirriżulta r-responsabbiltà, il-kumpens dovut, inklużi danni morali. Għaldaqstant, il-pretensjoni odjerna, kif imfassla bħala talba awtonoma għal kumpens minħabba allegat ksur tal-GDPR, għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' dan ir-reġim ġuridiku speċjali u tal-limiti tal-kompetenza attribwita lil dan it-Tribunal mill-Kapitolu 378.

Illi għalhekk fejn it-talba, bħal fil-kaz odjern, hija espressament imfassla bħala azzjoni għal €5,000 f'danni awtonomi taħt l-artikolu 82, ma hemm ebda dispożizzjoni fil-Kap. 378 li tagħti lil dan it-Tribunal is-setgħa li jieħu post il-proċedura speċjali stabbilita bl-artikolu 30 tal-Kap.

586. Il-konklużjoni għalhekk hi li din il-pretensjoni wkoll ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Deċiżjoni

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, wara li ra l-atti u l-liġijiet applikabbli qiegħad jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata u konsegwentement jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kif proposta bl-ispejjez kontra l-attur.

Dr Martha Mifsud
Arbitru